# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAHRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GHAWDEX

Nru 24 Mejju-Ġunju 1985


*Għall-Ewwel Darba*

## DIMOSTRAZZJONI BL-ISTATWA TA' KRISTU RXOXT

Din is-sena għall-ewwel darba l-Parroċċa Bażilika tagħna ċċelebrat il-Festa tal-Qawmien mill-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu mhux biss permezz tas-soliti funzjonijiet sollenni ta' ġol-knisja, iżda wkoll b'Dimostrazzjoni fil-qalba tal-belt Victoria bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt.

Id-Dimostrazzjoni, li saret nhar Ħadd il-Għid fil-għodu (7 t'April) kienet akkumpanjata mill-Banda La Stella li tul it-triq kollha ferrħet il-pubbliku bid-daqq ta' marċi brijużi. Id-Dimostrazzjoni bdiet minn quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali, għaddiet għal Pjazza San Ġorġ u Pjazza t-Tokk u spiċċat mill-ġdid fil-pjazza ta' quddiem il-Bażilika. Għadd sabiħ ta' żgħażagħ ġarrew l-istatwa ta' Kristu Rxoxt, xogħol antik tal-kartapesta ta' artist mhux magħruf. Bla dubju din hija l-eqdem statwa ta' Kristu Rxoxt li tinsab fil-gżira Għawdxija.

Sa fejn hu magħruf din kienet l-ewwel Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt li qatt saret fil-belt Victoria.



*L-Istatwa antika ta' Kristu Rxoxt tidher għaddejja għall-ewwel darba minn Pjazza t-Tokk, akkumpanjata mill-Banda La Stella, waqt id-Dimostrazzjoni ta' Ħadd il-Għid.*



## *Jiem Speċjali għall-Familja:*

Żewġ okkażjonijiet ferm għeżież għall-familja nisranija huma l-jiem li fihom infakkru l-ġenituri tagħna: Jum l-Omm u Jum il-Missier. Żgur li kull omm u missier ikunu jistennew dawn il-jiem għax fihom ikollhom is-sodisfazzjon li jaraw l-għeżież tagħhom imdawrin magħhom b'turija ta' mħabba u b'sens ta rikonoxximent ta' dak kollu li jagħmlu għalihom.

Fil-ġurnata iddedikata lill-Omm u dik lill-Missier, l-aqwa rigal għalihom huwa dak li l-ulied jaċċettawhom bil-qalb u jħarsu lejhom bħala dawk li jifhmuhom u lesti jgħinuhom fil-problemi tagħhom.

**Ħu ħsieb li ma tinsiex:**
**JUM L-OMM — 19 ta' Mejju**
**JUM IL-MISSIER — 16 ta' Ġunju**

# Kelmtejn mall-Kan. Dun Korunat Grima:

Wieħed mis-saċerdoti tal-Parroċċa Bażilika tagħna li jinsab fuq xogħol pastorali barra minn Malta huwa l-Kan. Dun Koronat Grima. Dun Koronat jinsab Ġibiltà fejn qed imexxi l-Parroċċa ta' San Ġużepp, waħda mill-parroċċi tad-djoċesi. Fl-aħħar mawra tiegħu f'Għawdex aħna tlabnieh jagħtina tagħrif fil-qosor dwar il-ħidma li qed iwettaq f'din il-parroċċa. Huwa kellu dan x'igħidilna:

Ilni Ġibiltà madwar 9 snin, għamilt l-ewwel ħames snin Viċi-parroku fil-parroċċa tal-Katidral. Mill-1 ta' Novembru 1981 l-Isqof kien bagħatni bħala Amministratur tal-Parroċċa ta' San Ġużepp u fl-Għid tal-1982 Mons Isqof ippubblika d-digriet ta' Kappillan. Kont ħadt il-pussess ta' Kappillan fil-Ħames Ħadd tal-Għid.

*M. X'inhu prinċipalment ix-xogħol li int u sħabek is-saċerdoti twettqu hemmek?*

Aħna l-qassisin l-ewwel u qabel kollox inservu l-parroċċa tagħna, iżda nsibu ħin ukoll biex ngħallmu fl-iskejjel tal-Gvern. Inqaddsu għat-tfal darba f'kull term. Fix-xahar ta' Novembru nagħmel Servizz Bibbliku fiċ-ċimiterju bis-sehem tat-tfal u matul Mejju norganiżżaw Servizz Marjan. Għandi wkoll it-tqarbin tal-morda mqassam matul il-ġimgħa u diversi laqgħat tal-għaqdiet.

*M. Issib koperazzjoni min-naħa tal-poplu fil-qagħdi ta' dmerijietek?*

Kull meta niġi bżonn tal-għajuna tan-nies dejjem insibhom lesti u jilqgħuni b'idejhom miftuħa. Nista' ngħid li l-pjaċir tagħhom huwa propju meta nitlobhom l-għajnuna tagħhom. Mis-sena l-oħra l'hawn l-għajnuna min-nies li jiġu l-knisja żdiedet sewwa għax il-Gvern beda jagħti 42p għal kull £1 li kull persuna tagħti fil-ġbir tal-knisja. Dan ifisser li min-naħa tan-nies, mingħajr ma jagħtu xejn aktar, ikunu qed jagħtu 42 p aktar għax il-Gvern inaqqsilhom dawn il-flus mit-taxxa. Din tissejjaħ il-Covenant Scheme, skema li teżisti wkoll f'pajjiżi oħra.



*Il-Kan.Dun Korunat Grima waqt ċerimonja ta' żwieġ fil-parroċċa tiegħu ta' San Ġużepp*

*M. Il-Parroċċa hija ddedikata lil San Ġużepp. Meta tiċċelebraw il-festa?*

Il-Parroċċa, kif diqa' semmejt, hija ddedikata lil San Ġużepp. Għalkemm id-19 ta' Marzu hija festa kmandata, aħna niċċelebraw il-festa tal-Qaddis Patrun tagħna fl-1 ta' Mejju, jiġifieri nhar San Ġużepp Ħaddiem. Dan peress li l-Knisja kienet ġiet ikkonsagrata f'dan il-Jum.

*M. Ser tfakkru xi attività speċjali għal din is-sena?*

Din is-sena jaħbat egħluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Għalhekk ta' kull xahar qed inżommu jum b'ċelebrazzjoni speċjali. Bħala tifkira taċ-Ċentinarju ser inbiddlu t-twieqi li għandna fil-knisja, ser nikxfu lapida kommemorattiva u nippubblikaw ktieb li se jkun jiġbor fih l-istorja tal-knisja, tagħrif dwar il-kappillani kollha u tagħrif ieħor interessanti. Għandi l-pjaċir ngħid li f'din l-okkażjoni l-Gvern laqa' t-talba li għamilnielu li l-Bolli tal-ħarġa tal-Milied (1985) ikunu jikkommemoraw dan l-Ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa għażiża tagħna.

## ĠIMGĦA L-KBIRA



**Il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Parroċċa jixtieq jiżżiħajr lil dawk kollha li ħadu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, b'mod partikolari l-Banda Ċittadina La Stella li, ta' kull sena tagħti servizz diżinteressat. Jixtieq iwassal il-ħajr tiegħu wkoll lil dawk kollha li għenu fl-organiżżazzjoni tal-Purċissjoni u lil kull min ta xi donazzjoni b'risq din il-festa.**

## Ulied Ġodda fil-Parroċċa

**23.2.85**
KATHLEEN, bint Mario Grima u M'Rose neè Attard
**24.2.85**
LOUISIA, bint Aldo Livori u Maria neè Schembri
**3.3.85**
DEBORAH, bint Anton Mercieca u M'Concetta neè Formosa
**16.3.85**
ANGELICQUE, bint Joseph Attard u Lucy neè Camilleri
**30.3.85**
LUCREZIA, bint Carmelo Borg u Brenda neè Thomas
**6.4.85**
MARIE JOSETTE, bint George Attard u Carmela neè Borg
**13.4.85**
MARILYN, bint Joseph Said u Doris neè Sacco

## Daħlu Qabilna fl-Eternità

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9.2.85 | Francesca Cutajar | 8.3.85 | Alfred Arnold |
| 12.2.85 | Carmela Haber | 14.3.85 | Katerina Farrugia |
| 16.2.85 | Carmelo Xuereb | 26.3.85 | Carmelo Camilleri |

## Ingħaqdu fiż-Żwieġ Nisrani

23.3.85 Gaetano Bartolo u Anna Vella

# Il-Magħmudijiet f'SAN ĠORĠ Fis-Seklu Sbatax

*Kitba ta' Fr. Joe Bezzina*

Nhar is-27 ta' Lulju, 1551, wara l-eħrex Assedju li qatt ġarbu missirijietna, Għawdex waqa' f'idejn it-Torok. It-Torok serqu kulma ġie f'idejhom u dak li ma setgħux iġorru jew li ma kienx jinteressahom tawh in-nar. Il-biċċa l-kbira tal-knejjes u kappelli Għawdxin kienu maħruqa u fin-nar qerriedi ntemmu x-xbihat qaddisa, il-karti u d-dokumenti kollha li kienu miżmuma hemm għal mijiet ta' snin. Il-maġġuranza tal-poplu Għawdxi,qrib 5000 ruħ, kienu meħuda fil-jasar f'Kostantinopli u mkejjen oħra. Fosthom kien hemm Don Lorenzo de Apapis, il-kappillan ta' San Ġorġ.

**Għawdex jistejqer**

Milli jidher, għal xi żmien, Għawdex kien abbandunat għal kollox. Iżda meta stejqru mill-qatgħa, uħud mill-Għawdxin li kienu ħarbu billi ddendlu mas-swar, reġgħu lura fil-gżira. Uħud mill-ilsiera kienu mifdija mal-medda tas-snin u dawn ukoll reġgħu rritornaw lejn art twelidhom. L-Isqof ta' Malta u Għawdex Duminku Cubelles dlonk ħaseb biex jibgħatilhom qassis għal bżonnijiet spiritwali tagħhom. U ħatar lil Dun Leonardo de Cace, Għawdxi li kien kappillan Ħaż-Żebbuġ, Malta, bħala kappillan tal-Matriċi. Dan għammed għall-ewwel darba nhar is-27 ta' Settembru, 1554. Kienet l-ewwel magħmudija f'Għawdex wara l-Assedju.

L-ewwel reġistru tal-Magħmudijiet li għadu jeżisti f'Għawdex jinsab merfugħ fl-Arkivju Veskovili tagħna (AEG). Jiġbor fih ħafna (iżda mhux kollha) mill-magħmudijiet li saru f'Għawdex bejn is-27 ta' Settembru, 1554, u 6 ta' Frar, 1628.

Fil-bidu tal-1555, il-kappillan ta' San Ġorġ de Apapis kien ġie meħlus mill-jasar. Meta rritorna lura f'Għawdex sab li l-parroċċa ta' San Ġorġ kienet ħerba waħda u milli jidher lanqas kien baqagħlha parruċċani. Infatti għaddew disa' snin sħaħ qabel ma reġa' għammed.

Dun Lorenzo għammed għall-ewwel darba lil Antonello, bin Lazzaro Caffart, nhar l-1 ta' Marzu, 1564 - sewwa sew sena qabel l-Assedju l-Kbir. Mir-reġistrazzjoni tal-magħmudija (ara AEG, **Acta Paroechialia: Baptismi 1**, f. 11r) ma jidhirx jekk din saritx fil-parroċċa ta' San Ġorġ jew x'imkien ieħor.

**San Ġorġ jieħu r-ruħ**

Bil-mod il-mod, ir-Rabat reġa' kien mgħammar min-nies u għaldaqstant anke l-parroċċa ta' San Ġorġ reġgħet ħadet ir-ruħ. Fil-bidu tas-seklu sbatax kien imexxi l-parroċċa Dun Anton Hajus, li laħaq kappillan fl-1586, meta miet De Apapis, u dam irieġi 'l San Ġorġ sal-1616. Dan ma ħalla ebda reġistru. Jekk kien jieħu xi notamenti tal-magħmudijiet intilfu. Laħaq wara bħala kappillan Dun Angelo Modolun. L-ewwel reġistru li għadu merfugħ fl-Arkivju ta' San Ġorġ ħu ta' żmienu.

Il-bidu tar-reġistrazzjonijiet f'San Ġorġ huma frott tal-Viżta Pastorali tal-1625. Nhar il-11 ta' Ottubru ta' dik is-sena il-Kanonku Pietro Francesco Pontremoli żar lil San Ġorġ f'isem l-Isqof Baldassar Cagliares. Sab li r-reġistrazzjonijiet tal-Parroċċa xejn ma kienu miżmuma sew. U ordna li jinżammu f'reġistru.

L-ewwel magħmudija reġistrata ta' Dun Angelo Madolun, **cappellano di Sancto Georgii di questa Isola del Gozo,** hi nhar id-29 ta' Ottubru, 1625. Dak inhar għammed tifla li nghatalha l-isem ta' Margerita, bint Ivanni Hajus u Matthiola. Ta' interess kbir hu l-parrinu uniku f'din il-magħmudija: kien jismu Ġorġ Farrugia li kien mill-parroċċa Ġorġjana ta' Hal Qormi, Malta.

L-aħħar magħmudija reġistrata fl-ewwel reġistru ta' San Ġorġ hi nhar il-4 ta' Lulju, 1680. It-tieni volum jibda mill-10 ta' Awissu, 1680 u jintemm nhar l-1 ta' Novembru, 1736.

**Il-magħmudijiet**

Fis-sena 1626, l-ewwel sena sħiħa reġistrata, ġew mgħammda 59 tarbija. Bla ebda dubju numru kbir għal dak iż-żmien. Fis-sena 1637 hu rreġistrat l-ogħla numru: 87 f'sena waħda. Waqt li fis-sena 1658 kienu reġistrati biss 45. Iżda jista' jkun li dawn m'humiex l-ogħla u l-inqas numru ta' matul is-seklu, għaliex għal dan l-istudju ġew studjati biss 24 sena bażika. (Trid ġimgħat sħaħ biex tifli s-snin kollha!) Intant il-medja tal-magħmudijiet f'San Ġorġ tul is-seklu sbatax kienet bejn wieħed u ieħor ta' 59. 125 magħmudija f'sena: kważi 5 magħmudijiet fix-xahar. Minn medja ta' 51 magħmudija fis-sena fis-snin għoxrin, niġu għal medja ta' 73 fis-sena fis-snin tletin, l-ogħla medja tul is-seklu sbatax kollu. Demografikament, din il-qabża hi kważi fenomenali. Iżda għandha diversi spjegazzjonijiet. L-ewwelnett, matul l-ewwel nofs tas-seklu sbatax, ir-rata tat-twelid żdiedet kważi kullimkien f'Malta u Għawdex. Barra dan, minħabba l-bini ta' swar ġodda bejn l-1600 u 1620, Għawdex sar iktar kenni mill-għadu u iktar nies bdew joqgħodu fil-gżira. U, milli jidher, ħafna minnhom għammru r-Rabat madwar il-parroċċa ta' San Ġorġ.

Il-medja naqset għal 66 fis-snin erbgħin u baqgħet nieżla għal 50 fis-snin ħamsin. Għaliex? In-nies ma baqgħux igħammru biss fir-Rabat u allura fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Bdew jitferrxu ma' Għawdex kollu tant li dik il-ħabta bdew jiffurmaw ruħhom l-ewwel irħula Għawdxin. U mhix ħaġa kbira li xi Rabtin marru joqgħodu fil-kampanja biex ikunu eqreb lejn ir-raba' tagħhom. U naqset għalhekk il-popolazzjoni ta' San Ġorġ u l-magħmudijiet.

Tul il-kumplament tas-seklu, it-twelidijiet f'San Ġorġ ivarjaw. Jogħlew għal medja ta' 56 fis-sena fis-snin sittin, jinżlu 54 fis-snin sebgħin; iżda wara dan terġa' tibda tiela': medja ta' 57 fis-sena fis-snin tmenin u ta' 66 fis-sena lejn it-tmiem tas-seklu sbatax. Fit-tieni nofs tas-seklu sbatax, ir-rata tat-twelidijiet naqset kullimkien f'dawn il-gżejjer u l-parroċċa ta' San Ġorġ ma kinitx eċċezzjoni. Iż-żieda tas-snin ta' wara turi ċar li taħt il-Kavallieri ta' San Ġwann, il-ħajja soċjali tal-għawdxin bdiet tieħu r-ruħ sewwa. Naqsu ż-żjajjar tal-furbani, l-agrikoltura għamlet passi ta' ġgant u żdiedu l-flus. U naturalment bdew jiżżewġu iktar u żdiedu t-twelidijiet.

Prova ta' dan hi l-ġrajja glorjuża tas-7 ta' Awissu, 1672, meta tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali ġdida

kompli f'paġna 5

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

Editorjal

# IŻ-ŻOGĦŻIJA TAL-KNISJA: għoxrin sena wara l-Konċilju

Il-Knisja Għawdxija ser tgħix ġranet ta' importanza kbira fil-jiem ta' bejn is-26 u d-29 ta' Mejju li ġejjin. F'dawk il-jiem, fid-Djoċesi tagħna se jinżamm it-Tielet Kungress Pastorali Djoċesan, li għandu bħala suġġett "Iż-Żogħżija tal-Knisja, għoxrin sena wara l-Konċilju".

## KUNGRESS F'WAQTU

Nistgħu ngħidu li huwa Kungress li wasal fil-ħin addattat. Diġa' għaddew għoxrin sena minn dik il-ġrajja kbira tal-Konċilju Vatikan II. It-tagħlim espress fih, it-tiġdid li huwa wettaq, il-ħajja ġdida li introduċa żgur li kellhom iż-żmien tajjeb biex juru l-effett tagħhom.

Id-Djoċesi tagħna għalhekk ser tieqaf ftit: biex tara x'seħħ fil-Knisja tagħna f'dawn l-aħħar għoxrin sena. X'riformi ġew imwettqa u x'ġid ħareġ minnhom. Liema huma l-affarijiet li suppost bdew jaħdmu u forsi sa' issa ma rnexxewx.

Il-Knisja Għawdxija mhix ser tieqaf taħseb biss fuq il-passat: l-anqas ser tibqa' b'dak li nkiseb sa' llum. Iżda permezz tal-Kungress Pastorali tippjana x'għandu jsir, kif għandu jsir u f'liema żmien u minn min għandu jsir. B'hekk tkun qed tiżgura li tkompli tilħaq dik il-maturità nisranija li kull wieħed u waħda minna rridu nimmiraw għaliha.

## IS-SEHEM TAL-PARROĊĊA

Meta ngħidu l-Knisja Għawdxija, ma nfissrux biss l-Isqof, il-Kurja eċċ. Iżda nifhmu wkoll il-Parroċċi, l-għaqdiet, kull Għawdxi li jifforma parti mill-Knisja.

Il-Parroċċa tagħna wkoll, permezz tal-Kunsill Parrokkjali, diġa' tat il-kontribut tagħha b'suġġerimenti u ideat. U lesta li tieħu sehem attiv fil-laqgħat li jsiru.

Iżda anke int tifforma parti mill-Parroċċa tagħna. U allura anke int tista' u għandek tieħu sehem fil-laqgħat li jsiru.

## X'QED TISTENNA MINNEK IL-KNISJA?

- ***Interessa ruħek f'dawn il-laqgħat tal-Kungress***
- ***Agħti l-kontribut tiegħek ta' ideat u tibżax tidħol għax-xogħol li l-Knisja tista' titlob minnek.***
- ***Itlob 'l Alla għas-suċċess ta' dan il-Kungress Pastorali.***

## ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA

Nhar ta' Ħadd: fil-5.00 p.m. u fis-6.30 p.m.
Kuljum: fil-5.30 p.m. u fis-7.00 p.m.

# *NILTAQGĦU NHAR. . .*

**MEJJU 1985**

**L-Erbgħa 1**
San Ġużepp Ħaddiem, Festa Pubblika. Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni.

**L-Erbgħa 8**
**L-Ewwel Tqarbina** lit-Tfal tal-Parroċċa fis-6.00 p.m. waqt Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqof t'Għawdex

**Il-Ħamis 9**
**Il-Griżma tal-Isqof** lit-Tfal tal-Parroċa fis-6.30 p.m. waqt Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqof ta' Għawdex.

**Il-Ġimgħa 10**
**L-Ewwel Jum tal-Kwaranturi.** Espożizzjoni Sollenni fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni.

**Is-Sibt 11**
**It-Tieni Jum tal-Kwaranturi** Espożizzjoni Sollenni. Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni. Fid-9.00 p.m. bidu ta' Lejl Adorazzjoni b'quddiesa.

**Il-Ħadd 12**
**Kwaranturi** Fil-5.30 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali u Purċissjoni bis-Sagrament mmexxija mill-Isqof Mons. N. Cauchi.

**Il-Ħadd 19**
**Sollennità tat-Tlugħ is-Sema tal-Mulej**(Lapsi). Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Sollenni.

**Il-Ħamis 23**
**L-Ewwel Ħamis ta' San Ġorġ** Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni.

**Il-Ħamis 30**
**It-Tieni Ħamis ta' San Ġorġ.** Fis-7.00 p.m. quddiesa bil-priedka.

**ĠUNJU 1985**

**Il-Ħadd 2**
**Sollennità tat-Trinita' Mqaddsa** Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Sollenni.

**L-Erbgħa 5**
**Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja** fis.1.30 p.m.

**Il-Ħamis 6**
**It-Tielet Ħamis ta' San Ġorġ** Fis-7.00 p.m. quddiesa bil-priedka.

**Il-Ħadd 9**
**Sollennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.** Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Sollenni u purċissjoni qasira.

**Il-Ħamis 13**
**Ir-Raba' Ħamis ta' San Ġorġ** Fis-7.00 p.m. quddiesa bil-priedka.

**Il-Ġimgħa 14**
**Sollennità tal-Qalb ta' Ġesù** Fit-3.00 p.m. Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja mmexxija minn Mons. Isqof.

**Il-Ħamis 20**
**Il-Ħames Ħamis ta' San Ġorġ.** Fis-7.00 p.m. quddiesa bil-priedka.

**Il-Ħamis 27**
**Is-Sitt Ħamis ta' San Ġorġ.** Fis-7.00 p.m. quddiesa bil-priedka.

**Is-Sibt 29**
**Sollennita' ta' San Pietru u San Pawl** (L-Imnarja).

## *Il-Mostru b'Wiċċu Ħelu*

*minn Laurence Mizzi*

Ħafna jqisuh bħala waħda mill-akbar ħlejqiet ta' moħħ il-bniedem. Oħrajn iħarsu lejh bħala bħala "mostru" li wasal biex jiblagħna lkoll - mostru b'wiċċ sabieħ u leħen ħelu, imma mostru l-istess.

"Allaħares ma jkunx hu għalina. . ."

"Mindu daħal hu fi djarna tlifna l-paċi u l-għaqda ta' bejnietna".

"Mezz qawwi ta' tagħlim, informazzjoni u mogħdija taż-żmien."

"Qallbilna rasna. . . bidlilna ħajjitna. . ."

"Itaffi l-monotonija tal-ġurnata u l-għejja ta' fil-għaxija. . ."

"It-tfal jiġġennu warajh. . ."

"Ġie hu u tlift l-awtorita' li kelli. . . Minnu biss jisimgħu. . ."

"X'konna nagħmlu mingħajru?"

"Ġab sfrattu sħiħ fid-dar. . ."

Min ifaħħru, min imaqdru, min jibża' minnu u min miġnun warajh.

Issibu tista' tgħid kullimkien. Mogħti l-aħjar post kull fejn ikun; miżmum bl-akbar għożża minn kulħadd. Malli jiftaħ ħalqu, ħafna drabi jiskot kulħadd. Sar qisu l-Vanġelu. Għal uħud, aqwa mill-Vanġelu. . .

X'inhi l-verita' dwar din il-"Kaxxa tas-sħarijiet" li malli tagħfsilha daqsxejn ta' buttuna kapaċi ġġiblek f'darek dak kollu li jistgħu jaraw l-għajnejn u jisimgħu l-widnejn? Fil-ħaqq u s-sewwa ħadd ma jista' jiċħad li hija invenzjoni ta' l-għaġeb, meraviljuża. Li għandha qawwa tremenda biex tagħmel il-ġid. . . Kapaċi tgħallem u teduka lill-kbar u ż-żgħar fuq kull ħaġa li hawn taħt il-kappa tax-xemx. Minn ħxejjex u annimali u bini u bnedmin sa bliet u rħula u xmajjar u foresti, deżerti u ibħra. . Taf turina x'ġara fl-imgħoddi mbiegħed u qarib. . . Iġġibilna saħansitra li jkun qed jiġri dak il-ħin stess eluf ta' mili 'l bogħod.

Invenzjoni li ġarrfet il-ħitan, qerdet id-distanzi u anki għelbet id-diffikultajiet ta' l-ilsna għax ħafna drabi titkellem bix-xbihat u l-ħsejjes li jista' jifimhom kulħadd. Ħlieqa li naqqset l-iżolament u s-solitudni ta' bosta li jinsabu weħidhom u għaqqdet nies flimkien. . . popli sħaħ minn trufijiet id-dinja f'familja waħda. Kif stajna naraw b'mod l-aktar ċar dan l-aħħar meta t-TV xerred mad-dinja kollha x-xeni ta' qsim il-qalb u tat-traġedja umana li hemm fl-Etjopja. U rnexxielu jqanqal il-kuxjenza tal-bniedem bla eċċezzjoni ta' razza, kulur u twemmin. U rajna t-tagħbijiet ta' l-ikel u l-mediċini sejrin bil-baħar, bl-ajru u bl-art. U poplu mġewwah u moribond mifni bl-għaks u l-għatx ħa r-ruħ. . .

L-istess invenzjoni, iżda li kapaċi tressaq il-bnedmin lejn xulxin kif għadha kemm għamlet fil-każ li semmejna għandha ħila u ħafna drabi jirnexxilha tiżra' l-firda u l-mibegħda fost il-bnedmin, tħassrilhom qalbhom, iddallmilhom moħħhom u tjassarhom.

Ħamsa u għoxrin sena ilu f'Malta kellna stazzjon wieħed, fitt siegħat kuljum. Illum l-istazzjonijiet jew il-"Kanali" ma jingħaddux, għaddejjin tista' tgħid il-ħin kollu bil-lejl u bin-nhar. . . rumanzi, aħbarijiet, varjetà, dokumentarji, logħob bi premju, mużika, sport, programmi għat-tfal u n-nisa. . . għaż-żgħar u l-kbar. Programmi sbieħ, indifferenti u ħżiena. . .

Xita ma' taqta' xejn ta' reklami.

Tellieqa bla rażan għall-ikel u l-ilbies, il-fwejjah u l-lussu, il-ġmiel u s-saħħa. Ġirja wara hena li ma tistax tinkiseb. Propaganda fina u mhix.

Dinja li tilfet 'l Alla ta'. tgawdija u xalar, ta' sess u vjolenza. . .aljenazzjoni kontinwa, kaċċa ta' dellijiet. . .

Id-dinja tat-television li daħlet fi djarna u bil-mod il-mod saret parti minn ħajjitna bħalma saru "JR" u "Alexis" u Raffaella Carra u "Webster" u Mike Bongiorno u Pippo Baudo u tant oħrajn.

U għada aktar mil-lum. . .

Fejn ser naslu?!

"Ħloqna mostru" qal xi ħadd li jifhem, "li se jibla' d-dinja, għax ma għarafniex inrazznuh."

Mostru feroċi mqarr jekk wiċċu ħelu. Mostru li faċli timmansah u ġġibu fix-xejn jekk tagħraf trażżnu. Trid dehen u għaqal. U rieda ta' l-azzar biex tgħidlu "Le! Daqshekk għal-lum. Hawn jien nikkmanda mhux int. . ." Kapaċi tasal sa hawn?

Jekk le nitħassar lilek, u aktar lil uliedek.

## FEATURE LETTERARJU

*Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Bażilika tagħna nhar it-Tlieta 2 ta' April ġie ppreżentat Feature Letterarju li kellu bħala suġġett "Is-Seba' Kelmiet". Il-Feature, kitba tal-Kav. Joe M. Attard, kellu l-forma ta' Meditazzjoni, u kien imżewwaq b'għadd ta' poeżiji bil-Malti u mużika funebri li ndaqqet mill-Banda Ċittadina La Stella. F'dan il-Feature ħadu sehem iż-żewġ korijiet tal-Bażilika, Chorus Urbanus u Laudate Pueri. Għall-okkażjoni l-Banda La Stella kienet taħt it-tmexxija tal-Assistent Surmast Direttur, John Galea.*

## *NIFIRĦU*

— Lill-W.R. Mons. Giuseppe Debrincat, wild il-Parroċċa tagħna, li għadu kif iċċelebra egħluq il-Ħamsin Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Mons Debrincat kien ordnat saċerdot fil-Kattidral minn Mons. Isqof Mikiel Gonzi fis-17 ta' Marzu 1935. Huwa għamel l-Ewwel Quddiesa Sollenni tiegħu jumejn wara, Sollennità ta' San Ġużepp, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri.

— Lill-W.R. Kan. Ġużepp Sacco, membru tal-Presbiterju Parrokkjali u tal-Kapitlu Ġorġjan, li qed jiċċelebra egħluq il-Ħamsa u Għoxrin Sena ta' Saċerdozju Ministerjali. Dun Ġużepp Sacco kien ġie ordnat saċerdot fil-Kattidral minn Mons. Isqof Ġużeppi Pace.

— Lill-Giżwia John Azzopardi u lis-Sur Joe M. Attard li dan l-aħħar ġew maħtura membri ta' l-Unione Cavalleria Christiana Internazionale (U.C.C.I.) bħala "Guardie d'Onore Dei Santuari Mariani". Din l-Għaqda Kavallereska tħaddan fiha personalitajiet minn diversi oqsma tal-ħajja.

Jaqbad minn paġna 3

ta' San Ġorġ. Il-parruċċani kienu f'qagħda li jgħinu bi flushom.

Nagħlaq dan l-istudju qasir b'nota dwar l-ismijiet. Fost is-subien l-iktar popolari kienu Ġwanni u Ġużeppi, fost il-bniet Katerina u Marija.

# L-Ikla ta' Jum San Ġorġ

Għat-tieni sena konsekuttiva l-Ladies Society tal-Parroċċa tagħna ħadet ħsieb sabiex għall-okkażjoni tal-Festa Liturġika ta' San Ġorġ Martri, torganiżża l-"Ikla ta' Jum San Ġorġ". Din is-sena l-Ikla saret nhar il-Ħadd, 21 ta' April, fil-Hotel Ta' Cenc u għaliha attendew 'il fuq minn mitt ruħ.

Il-mistiedna speċjali f'din l-Ikla kienet Miss Pat Terry Second Secretary fil-British High Commission ta' Malta, li ngħatat merħba minn Mrs Antoinette Frendo, Viċi-President tal-Għaqda. Fid-diskors tagħha Mrs Frendo qalet li peress li San Ġorġ huwa l-Qaddis patrun t'Għawdex kif ukoll tal-Ingilterra, hija kellha kull raġun li f'din l-okkażjoni ssellem lill-ħbieb kollha Ngliżi li ngħaqdu ma' sħabha Għawdxin biex jfakkru Jum it-23 ta' April.

F'anqas minn sena u nofs il-Ladies Society irnexxielha tiġbor is-somma sabiħa ta' Lm500 permezz ta' diversi attivitajiet li għamlet fost il-membri tagħha. Mrs Frendo nqdiet bl-okkażjoni biex tiżżiħajr lil kull min ta s-sehem tiegħu biex setgħet tinġabar din is-somma. B'dawn il-flus żiedet tgħid Mrs Frendo, il-Ladies Society ser tkompli tgħin lill-knisja ttaffi xi ftit mill-ispejjeż kbar li jkollha.

Mrs Pat Terry, min-naħa tagħha, irringrazzjat lil Mrs Frendo u sħabha tal-Kumitat u qalet li kienet tħossha ferm ferħana li setgħet tattendi bħala r-rappreżentanta tal-British High Commission f'Malta.

Waqt l-Ikla saru żewġ intervalli mużikali li matulhom



Maria Frendo u Rosabelle Pavia interpretaw erba' kanzunetti bejniethom. Huma kienu akkumpanjati fuq il-Pjanu minn Stephen Attard.

Mistiedna oħra għal din l-ikla kienu Mons. Arċipriet Emanuel Mercieca, Mro u s-Sinjura Joseph Vella, Dr Eugene Montanaro u s-Sinjur u s-Sinjura Paul M. Cassar.

**Għotja b'risq il-karità**

Sadattant, f'attività oħra li ġiet organiżżata matul dawn l-aħħar xahrejn, il-Ladies Society ippreżentat somma ta' Lm72 lill-Istitut ta' San Ġużepp f'Għajnsielem. L-għotja saret waqt żjara li l-membri nisa tal-Ladies Society għamlu fl-Istitut, u li matulha saret ukoll Quddiesa ċelebrata miċ-Chaplain tal-għaqda, Fr. Joseph Farrugia, flimkien ma' Fr. Louis Bezzina.

## *GĦALIKOM TFAL*



# IL-PUFFI JGĦALLMUNA

*Għeżież Tfal,*

*Erġajna ltqajna! Kif intom? Kif mortu fl-eżamijiet ta' nofs is-sena? Nittama li m'għandi għalfejn niġbed widnejn ħadd, eh!*

*Illum ngħidu kelma fuq il-Puffi. Tgħidulix li qatt ma smajtu bihom u li ma tafux min huma! Min jaf kemm-il darba fil-ġimgħa tarawhom fuq it-televiżjoni, eh! Dawn il-karattri żgħar ħalaqhom Pierre Culliford, magħruf ukoll bħala Perjo fis-sena 1957. L-istejjer tagħhom joħloqhom fuq dak li jisma' minn fomm it-tfal li magħhom iħobb jitkellem fit-tul u ta' spiss - l-episodji tal-Puffi jidhru kull ġimgħa fuq it-televiżjoni fi tlieta u tmenin pajjiż. U kulħadd iħobbhom, anke l-kbar jhedew bihom!*

*Għandkom tkunu tafu, tfal, li l-Puffi, li jgħixu f'Puffilandja, kollha għandhom id-dmir tagħhom xi jwettqu. Pereżempju, hemm il-Puffo - Inventore, ix-xjenzat li jivvinta u joħloq; hemm il-Puffo-Artista, li jpitter in-Natura; hemm il-Puffo-Goloso, l-aqwa kok li tista' ssib f'dawk l-inħawi. U l-Puffi, dan id-dmir tagħhom jaqduh sewwa, dejjem u bil-qalb.*

*Aħna wkoll tfal, bħall-Puffi, ilkoll għandna dmir x'naqdu: id-dar, l-iskola, id-duttrina, fit-triq, fil-post tar-rikreazzjoni u l-bqija. Imma tajjeb li naraw jekk dan id-dmir aħniex naqduh, u jekk iva, aħniex naqduh sewwa, dejjem u bil-għaqal.*

*Ħaġ'oħra: naħseb li tafu wkoll li l-Puffi għandhom l-għadu tagħhom li jismu Gargamella, is-saħħar li dejjem moħħu biex jaqbadhom u jagħmilhom minestra. U biex igħinu f'dan ix-xogħol tiegħu, għandu qattusa jisimha Birba. Il-Puffi, imsieken, jagħmlu ħilithom kollha biex jirnexxilhom jaħarbu mid-dwiefer qliel tal-qattusa u mill-kefrija u l-ħruxija tas-saħħar ħażin.*

*U jekk il-Puffi għandhom l-għadu tagħhom, aħna wkoll, daqshom, għandna l-għadu tagħna: ix-xitan, li bħas-saħħar Gargamella jipprova jaqbadna taħt idejh u jitfagħna fix-xibka tiegħu biex hekk, permezz tad-dnub jaqtagħna minn Alla u flok lejn il-Ġenna, iressaqna lejn l-infern.*

*Tgħid aħna qegħdin nagħmlu xejn bħall-Puffi? Qegħdin nippruvaw xejn b'ħilitna kollha naħarbu mix-xitan, noqgħodu 'l bogħod mid-dnub biex hekk nogħġbu dejjem lil Alla? Nittama li iva.*

*Għal-lum dak kollox tfal. Sakemm nerġgħu niltaqgħu nixtiqilkom saħħa, hena, ġid - u qadi tajjeb ta' dmirijietkom.*

Tatà.

Iz-Ziju Peppi

# IL-PAPA + IŻ-ŻGĦAŻAGĦ = PAĊI

*Il-Jum: is-Sibt, 30 ta' Marzu 1985.*
*Il-ħin: il-ħamsa neqsin kwart.*
*Il-post: il-pjazza quddiem San Ġwann Lateran, Ruma.*

Ma kienx hemm fejn taqa' labra. Festa ta' kuluri u ta' wċuħ ferħana. Festa taż-żogħżija. Dik il-pjazza dejjem saħħritni vojta: illum bellħitni mimlija: tapit ta' ilwien, żgħażagħ spalla ma' spalla.
Instemgħet għajta: "Arriva il Santo Padre".
Mijiet ta' eluf ta' idejn telgħu iċapċpu flimkien: mijiet ta' eluf ta' ilħna, instemgħu jitħalltu flimkien: Viva l-Papa!! U jien kont hemm. Wieħed minn tlitt mitt elf. Ma jien xejn, iżda kont hemm. Wieħed fi grupp ta' tnejn u tletin. Grupp ċkejken, imqabbel mall-gruppi enormi tal-Comunione e Liberazione, Focolarini u oħrajn. Imma konna hemm.
Tħallattna ma' kulħadd u tkellimna ma' ħafna. Konna qisna ilna nafu lil xulxin.
Smajna l-esperjenzi mqanqla ta' żgħażagħ li daqu l-morr tal-ħajja u sabu l-ferħ u l-paċi fi Kristu.
Stennejna lill-Papa jkellimna: messaġġ dirett, ċar, qawwi: stedina biex naħdmu għall-paċi, permezz tal-parteċipazzjoni u billi nikbru u niżviluppaw it-talenti li Alla tana. U l-Papa kellimna: iva, kellem lilna: il-grupp ċkejken, insinifikanti, il-grupp mitluf fil-folla enormi ta' Pjazza San Giovanni: U qalbna waqfet; għajnejna intlew bid-dmugħ: ħadd minna ma ried jemmen lilu nnifsu: Ġwanni Pawlu II kien qiegħed ikellem lili u lill-sħabi l-Maltin u l-Għawdxin.

Kliemu jibqa' minqux fil-fond ta' qalbi:
**"Saħħa liż-żgħażagħ ta' Malta u Għawdex li minkejja d-difikultajiet kollha ġew Ruma"**

U għajjatna: ċapċapna u għannaqna bil-ferħ lil xulxin. Forsi l-għajta tagħna kienet żgħira meta mqabbla mal-għajta tal-Ispanjoli, Taljani. Imma kienet għajta li żgur laħqet lill-Papa. Hu kellimna: aħna weġibnih.
Dalam: il-Papa kuntent u għajjien telaq lejn il-Vatikan.
Iżda ż-żgħażagħ baqgħu hemm ikantaw:
**"Uniamo le nostre mani, e pace sarà"**
Katina ta' bnedmin, id f'id. Deċiżi li jaħdmu lkoll biex id-dinja t'għada tkun dinja ta' paċi u sliem.

# Meta Pjazza San Pietru Saret Bosk ta' Palm uŻebbuġ

*Il-Ħadd: 31 ta' Marzu 1985*
Wara lejl ta' talb u tħejjija, fejn eluf u eluf ta' żgħażagħ tħabbu mill-ġdid ma' Alla permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, ix-xemx Rumana telgħet kollha dawl. U ma' l-ewwel raġġi, tliet sriebet twal ta' żgħażagħ ħallew tlett knejjes, fejn kienu għaddew il-lejl u erħewla lejn San Pietru.
Il-Pjazza kienet diġa mimlija. Il-Papa, akkumpanjat minn mijiet ta' Saċerdoti li kienu ser igħinu fit-tqarbin, għadda minn nofs tal-Pjazza u bierek il-Palm u ż-Żebbuġ.
Imbagħad fost kant u għajjat ta' ferħ tela' fuq it-taraġ tal-Bażilika biex jibda l-quddiesa. Minn hemm fuq ix-xena kienet kommoventi għall-aħħar. Quddiemna kellna bosk iħaddar. Il-pjazza kienet miksija bi frieghi tal-palm u żebbuġ, jixxejjru fl-idejn.
Imbagħad twasslu l-offerti: ta' kull xorta u minn kull post. Kulħadd bil-kostum tradizzjonali tiegħu. Kont f'post li stajt nara il-wiċċ ta' dawk il-magħżula li ressqu l-offerti. Kollha kellhom dmugħ ta' ferħ iġelben ma' ħaddejjhom. Kienu taw rigal lill-ikbar ħabib: lil Kristu permezz tal-Vigarju tiegħu l-Papa.
Iżda l-folla għajtet u ċapċpet meta l-Papa miel biex ibus u jħaddan miegħu lil dak l-inkapaċitat li tela' bl-offerta fuq 'wheel-chair': f'qalbi għidt; riġlejh bla saħħa, iżda ġo fih għandu rieda żagħżugħa ta' l-azzar li ħadd ma jista jxekkilielu.
U wasal il-ħin tal-konsagrazzjoni: il-palm issa għab. Il-folla waqfet. L-ilħna hedew. Is-sikta kienet twaħħxek.Miksura biss bit-twerdin dgħajjef ta' idravolante mikri mir-Rai, li kien qed jiffilmja mill-għoli fuq ir-riħ tal-Pjazza.
Imbagħad: il-mument tat-tqarbin: iż-żgħażagħ fetħu qalbhom għal Kristu. Hekk kien qalilhom il-Papa meta tkellem l-ewwel darba seba' snin ilu. U hekk għamlu huma. Kristu sab post ġo qalbhom.
U l-Papa reġa' tkellem. Irringrazzja liż-żgħażagħ kollha li kienu ġew. Qalilhom biex iwasslu l-messaġġ tiegħu tigħand żgħażagħ oħra li ma setgħux jattendu. L-aħħar għajta tiegħu kienet: Arrivederci! Good Bye! Hasta la Vista! Au revoir! Auf weidersehen! Atè logo! li bil-lingwa tagħna kienet tfisser: NERĠGĦU NILTAQGĦU.
Min jaf! Forsi sena oħra. . . forsi Ħadd il-Palm li jmiss.



## *"DAWL IS-SALIB"*
## *L-akbar produzzjoni ta' dan l- istaġun f'Għawdex*





Għall-granet tar-Randan ta' din is-sena t-Teatru Astra tana dramm mill-iktar adattat għal dak iż-żmien. "Dawl is-Salib", xogħol sabiħ ta' Ronald Cockram u maqlub għall-Malti minn Gorg Xerri, ġie ppreżentat fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 23 ta' Marzu 1985. Minbarra t-traduzzjoni, Gorg Xerri kien ukoll responsabbli mill-produzzjoni u d-direzzjoni.
Id-dramm intlaqa' tajjeb ħafna u ġie mfaħħar mhux ftit mill-pubbliku numeruż li mela t-teatru għal din ir-rappreżentazzjoni. Kulħadd kien kelma waħda: "bla dubju l-aqwa produzzjoni tas-sena".
Minn dawn il-kolonni nixiequ nifirħu lill-Għaqda tal-Palk Astra ta' dan id-dramm kolossali li tatna. Kienet produzzjoni li kompliet tagħmel isem tajjeb lit-Teatru Astra u lill-Palk Għawdxi. Prosit lis-Sur Gorg Xerri, l-'cast' kollu, u dawk kollha li ħadmu wara l-kwinti.

## *Kunċert min-National Youth Jazz Orchestra Ngliża*

Bħala egħluq il-ġimgħa ta' attivitajiet mużikali organizzata minn li Student Travel Foundation (NSTF) fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ u s-Sena Ewropea tal-Mużika, magħrufa aħjar bħala MUZIKAFEST, nhar it-Tleita 16 ta' April 1985 ġie preżentat kunċert fit-Teatru Astra min-National Youth Jazz Orchestra tal-Ingilterra. F'dan il-Kunċert deher biċ-ċar il-kwalitajiet eċċezzjonali li jaħddnu l-mużiċisti żgħażagħ li jifformaw din l-orkestra.
Lejn tmiem il-Kunċert is-Sur Paul M. Cassar, f'isem il-Management, ippreżenta lil Mro Bill Asthon L.P. Album ta' marċi Maltin mill-Banda La Stella, bl-isem "Festa Maltija" (ara ritratt). L-istess Kunċert ġie preżentat l-għada l-Erbgħa għat-tfal tal-iskejjel sekondarji.



## *Gozo Spring & Summer Exhibition*

Mijiet kbar t'Għawdxin ħanqu l-kumpless tat-Teatru Astra matul l-aħħar tlett ijiem ta' Marzu sabiex jassistu għall-Gozo Spring & Summer Exhibition (ara ritratt) Din il-Wirja kienet qed issir għall-ewwel darba bl-inizzjattiva tal-Kumitat tal-Banda La Stella li għandu f'idejh it-tmexxija tal-Każin u t-Teatru Astra.
Erbatax il-Stand esibew kull xorta ta' prodotti tad-dar, partikolarment dawk utli għall-mara tad-dar; dawn kienu jinkludu għamara, kmamar tal-banju, fridges, TV sets, linef, cookers, computers, logħob elettroniku, kotba, jablo u plastic u diversi oġġetti tal-ħasil u tal-ikel. Fuq il-prodotti kollha li kien hemm għall-bejgħ fil-Wirja l-pubbliku Għawdxi seta' jivvantaġġja ruħu minn Roħs Speċjali li kien qed jingħata għall-okkażjoni.



**Ħajr u ġieħ lill-Banda Ċittadina LA STELLA għall-prgramm mużikali ta' nhar is-Sibt 4 ta' Mejju 1985 (fl-okkażjoni tas-Sena Ewropea tal-Mużika) li ndaqq bla għajnuna ta' bandisti barranin.**

A & M PRINTING LTD. - 553217